# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

**Laqgħa numru 15**
**5.00p.m 15 ta' April 2025**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Sindku Luke Farrugia, Viċi Sindku Josef Azzopardi, Kunsilliera Gloria Aquilina, Joseph Scerri ,Dominic Spencer, Joseph Cachia, Anthony Meilak

Deputat Segretarju Eżekuttiv: Mariella Strout

Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

**Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa ta' fil-għaxija.**

**15.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

**15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**
Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru erbgħatx (14) il-laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel. Is-Sindku talab emenda fuq sentenza ma hiex b'saħħita bi Għaldaqstant il-minuti ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

**15.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Domenic Spencer, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**15.3.1 Innovative Training Projects by TCTC**
TCTC qed joffri ħames opzjonijiet differenti ta' korsijiet li jinkludu AI, 3D printng , robotica, coding għal diversi etajiet għal tfal, żgħażagħ u anki adulti. Lista ta' prezzijiet għal dawn il-korsijiet hija inkluża fl-email.
Il-Kunsill ma qabilx għax trid toħroġ sejħa.

**15.3.2 Light up the Night 2025**
Il-Kunsill qed jintalab jagħti sapport lill-pazjenti li jbagħatu bil-kundizzjoni tal-Fibromyalgia u ME billi nhar it-12 ta' Mejju jixegħel il-binja kulur vjola jew blu.
Il-Kunsill Approva

**15.3.3 Toqob ġodda għall-arbli**
Il-Kumitat Festi Esterni Marija Regina qed jitlob lill-Kunsill jagħmel sitt toqob għal arbli tal-festa 5 fi Triq Nerik Sacco u 1 fi Triq Azzopardi. It-toqob ta' Triq Nerik Sacco jsiru quddiem il-Knisja u b'hekk ikunu qed jintużaw mill-istess Parroċċa matul is-sena.
Il-Kunsill approva

**15.3.4 Detailing ta' impjegat**
Id-Dipartiment ser jibda l-proċess sabiex persuna jiġi trasferit mall-Kunsill Lokali b'iskala ekwivalenti għal dik li għandu fil-preżent. Din hija biss proċedura u mhux ser taffettwa l-irwol jew ir-responsabiltajiet tiegħu
Il-Kunsill għandu bżonn iktar informazzjoni dwar id-detailing ta' din il-persuna u jekk din il-persun hux tkun bħala impjegata tal-Kunsill jew ta' DLG.

**15.3.5 Rikjest għal fondi sabiex jinxtraw kotba għal Prize day**
L-iskola primarja qed tistaqsi lill-Kunsill jekk jistax jipprovdi kotba sabiex jingħataw waqt il-Prize day li ser issir nhar is-16 ta' Mejju. L-ispiża ta' dawn il-kotba hija bejn €225 u €250.
Il-Kunsill approva

**15.3.6 Ħaddiem tal-Kunsill -Performance bonus arretrati**

Wara li ntalbet ruling mid-Divizjoni tal-Gvern Lokali rigward performance bonus ta'ħaddiem tal-Kunsill id-dipartiment infurmana li din tista' ssir għad-diskrezzjoni tal-Kunsill.
Il-Kunsill approva li l-ħaddiem ikkonċernat jingħata il-performance bonus b'l-għola perċentaġġ fuq kull sena li ilu jaħdem mil Kunsill

**15.3.7 DN 00333/25 – Kostruzzjoni ta' Monument dedikat lil Sur Gorg Grima f'sit li jinsab f' Triq ic-Centru Ewkaristiku, Marsa**
Il-Planning Authority infurmat lill-Kunsill li qed tagħti permess għal bust sabiex isir skond il-pjanti annessi ma l-istess permess.
Il-Viċi Sindku spjega li l-Kunsill kien approva li jsir dan il-bust wara talba mil-familjari. Wara ftit ta' żmien kienet reġgħet saret talba mil-familjari biex il-post fejn kien miftiehem li jitwaqqaf tersaq b'ftit metri iżda fl-istess żona. Il-Kunsill qal li ġaladarba dan it-tibdil intalab mil-familja l-ispiża ta' tibdil fil-permess titħallas mil-familja stess. Il-Viċi Sindku ppreżenta dokumenti u korrispondenza.
Il-Kunsill qabel

**15.3.8 PA/08203/20 – To sanction built up pump room in 13th December Garden**
Il-permess għal pump room li hemm fil-ġnien 6 t'Awissu taħt il-Pont San Tumas ġie approvat.
Il-Kunsill irid iħallas penali ta' €150
Il-Kunsill approva li jitħallsu.

**15.3.8 Permit for Filming: The Exchange Telgħet Spencer**
Il-Kumpanija Malta Production Hub talbet permess mill-Kunsill sabiex jagħmlu filming f'Telgħet Spencer. Ser jagħtu lill-Kunsill donazzjoni ta' €500.
Il-Kunsill qabel li sir laqgħa ma Malta Production Hub sabiex tiġi diskuss il-proġett u donazzjoni

**15.3.9 Talba għal 2 parking spaces fi Triq il-Millenia**
Il-UCKG qed titlob żewġ reserved parking spaces quddiem il-premises tagħhom li jinsabu fis-service road ta' Triq Aldomoro. Dan qed jintalab minħabba li jattendu anzjani b'diffikultajiet ta' mobilta'.
Il-Kunsill qabel li tintalab id-direzzjoni ta' Transport Malta

**15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**15.4.1** Il-Kunsillier Domenic Spencer staqsa sabiex jingħata informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet li tieħdu mill bidu ta' leġislatura dawk li twetqu u li ma twetqux

**15.4.2** Il-Kunsillier Domenic Spencer staqsa sabiex issir laqgħa mal-Kumissarju tal-Pulizija

**15.5 Rapporti**

**Ma kienx hemm rapporti**

**15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament**
Is-Sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 04/25 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

**15.6.1** Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Gloria Aquilina u sekondat Viċi Sindku Josef Azzopardi il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**15.7 Item: Marsa proġett GHRC -Service Room**
Peress li kien sar il-ħin sabiex tibda il-laqgħa annwali, il-Kunsill qabel li dan is-suġġett jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss

**15.8 Item: Aġġustament tal-bankini**
Peress li kien sar il-ħin sabiex tibda il-laqgħa annwali, il-Kunsill qabel li dan is-suġġett jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

**15.9 Item: Ħatra ta' Bord għal intervisti sabiex jinħatar Segretarju Eżekuttiv**
Il-Kunsill ikunsidera l-importanza li ta' din deċiżjoni u l-ħatra għalhekk ġie deċiż li l-Sindku, Viċi Sindku u Kunsilliera kollha jkunu jfurmaw parti min dan il-Bord tal-Intervisti

**15.10 Mozzjonijiet**
Il-Kunsillier Domenic Spencer resaq mozzjoni dawk il-ħaddiema li huma ngaġġati mal-Kunsill u jappartjenu parti min skema, sabiex jiġi terminat l-ingaġġ tagħhom jekk mhux qed iwettqu xogħolhom. Din il-mozzjoni ġie sekondata mill-Kunsilliera Gloria Aquilina.
Il-Kunsill qabel.

**15.11 Tmiem il-Laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għal Tnejn 28 ta' April 2025 fl-5.00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Luke Farrugia | Mariella Strout |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*